# PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA KUMMERĊJALI KOMUNI

# KUMMISSJONI

## Avviż ta' l-iskadenza ta' ċerti miżuri pendenti kontra d-dumping

(2008/C 111/16)

1. Kif previst fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 ([1]) dwar il-ħarsien mill-importazzjoni dumped minn pajjiżi li m'humiex membri tal-Komunità Ewropea il-Kummissjoni tavża li sakemm issir reviżjoni skond il-proċedura, il-miżuri kontra d-dumping imsemmija hawn taħt jiskadu fid-data msemmija fit-tabella hawn taħt.

2. **Il-Proċedura**

   Produtturi Komunitarji jistgħu jagħmlu talba bil-miktub għal reviżjoni. Din it-talba jrid ikollha biżżejjed evidenza li turi li l-iskadenza tal-miżuri probbabilment tirriżulta f' kontinwazzjoni jew repetizzjoni ta' dumping u ħsara.

   Jekk il-Kummissjoni tiddeċiedi li tirrevedi l-miżuri kkonċernati, l-importaturi, l-esportaturi, ir-rappreżentanti tal-pajjiż li jesporta u l-produtturi Komunitarji mbagħad jiġu pprovduti bl-opportunità li jsaħħu, jirribattu jew jikkummentaw dwar il-kwistjonijiet li jinsabu fit-talba.

3. **Limitu ta' żmien:**

   Produtturi Komunitarji jistgħu jressqu talba bil-miktub għal reviżjoni fuq il-bażi msemmija hawn fuq, li trid jasal għand il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ (L-Unità H-1), J-79 4/23, B-1049 Brussel ([2])fi kwalunkwe żmien mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż preżenti iżda mhux aktar tard minn tliet xhur qabel id-data msemmija fit-tabella hawn taħt.

4. Dan l-avviż huwa pubblikat skond l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 384/96.

| Prodott | Pajjiż(i) ta' l-oriġini jew ta' l-esportazzjoni | Miżuri | Referenza | Data ta' l-iskadenza |
|---|---|---|---|---|
| Furfuryl alcohol | Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina | Dazju anti-dumping | Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1905/2003 (ĠU L 283, 31.10.2003, p. 1) | 1.11.2008 |

([1]) ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1) Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 2117/2005 (ĠU L 340, 23.12.2005, p. 17).

([2]) Telefax (32-2) 295 65 05.